MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Numru. 336/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Edmond Cuschieri**
**Vs**

**SPIRU CINI**

**Seduta ta' llum 20 t'April, 2010.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **SPIRU CINI** ta' hamsa u sittin sena, bin il-mejtin Emmanuel u Cettina nee' Pace, imwieled nhar il-hamsa ta' Jannar 1945 u residenti Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita numru 28045M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar is-sitta t'April 2010 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar gewwa r-

Riviera Nature Park, limit ital-Imgarr, Malta, liema post huwa skedat bhala riserva naturali, huwa volontarjament ta n-nar lill-ghalqa ta' dwieli, qatgha mhawla b'sigar, munzelli jew gemgha ohra ta' qmugh, qoton jew prodott iehor utili, jew materjal iehor, ikun li jkun, sew jekk kienu maqlugha jew mahsuda kemm jekk kien ghadhom imqabbdin ma' l-art;

2. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi deliberatament gabar, ikkollezzjona, qata', qala' mill-gheruq, iddistrugga jew ikkaguna hsara b'xi mod lil xi ezemplari ta' speci ta' flora elenkati fi Skeda V(b) u VI(b) ta' l-Avviz Legali 311 tal-2001.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat, il-Fedina Penali tal-istess imputat, l-okkorrenza relattiva, Estratt tat-Twelid tal-imputat, sett ta' sitt (6) ritratti) u kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmienja t'April 2010, li kien fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni u li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-seduta tat-tmienja ta' April 2010 stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tmienja ta' April, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tmienja t'Apirl 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Rat li l-Avukat Difensur tal-imputat irrilevat li l-imputat jista' jkun qed ibati minn problemi psikjatrici u ghal dan il-ghan fil-prezentata stess il-Qorti nnominat lil Psikjatra Dr. Mark Xuereb sabiex jezamina lill-imputat u jaghti hjiel lill-Qorti x'tip ta' piena ghanda tinfliggi fuqu f'kaz li jirrizulta li l-istess imputat ghandi xi mard mentali.

Semghet lil **Psikjatra Dr. Mark Xuereb** jixhed fis-seduta ta' nhar it-Tlieta tlettax t'April, 2010 fejn ipprezenta u halef ir-rapport tieghu.

Illi minn ezami tar-rapport tieghu jirrizulta li l-imputat kellu mard mentali fil-passat tant li anke kien pazjent l-Isptar Monte Carmeli ghaliex kien qed ibati minn *Schizioaffective disorder with hypomanic symptoms.*

Illi fil-prezent pero' l-Psikjatra ma hassx li l-imputat qed ibati minn xi mard mentali ghalkemm ghandu problema sabiex jinduna bil-konsegwenzi tal-agir tieghu ghaliex ghandu IQ baxx hafna. Jghid li l-imputat iddispjacih ta' dak li ghamel u nduna li kien zbalja. Jikkonferma li ghandu '*limited mental abilities'* .

Fix-xhieda tieghu l-Psikjatra issugerixxa li hemm bzonn li l-imputat jiqieghed taht l-attenzjoni ta' *supervision order* u jibqa' in kuntatt ma' psikjatra sabiex izommuh 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita'.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikoli Skeda V(6) u VI(b) tal-Avviz Legali 311 tal-2001 **tiddikjara fuq ammissjoni tal-imputat stess li ssib lil imputat SPIRU CINI hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disa' xhur sospizi ghal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jitpogga taht ordni ta' supervizzjoni ghall-perjodu massimu permess mill-ligi t'erba' [4] snin mill lum.**

**Il-Qorti tordna li tul dan il-perjodu t'erba' (4) snin, l-imputat ghandu josserva rigorozament is-segwenti kundizzjonijiet, u cioe:**

**1. li l-imputat matul dan il-perjodu ta' supervision t'erba' snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficcjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficcjal ta' Supervizjoni jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. li l-imputat jibqa' jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Ufficcjal ta' Supervizjoni skond id-direttivi li dan itih minn zmien ghal zmien u partikolarment, jekk l-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**3. li l-imputat minnufih jgharraf lil Ufficcjal ta' Supervizjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**4. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficcjal ta' Supervizjoni darba fis-sena fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**
**5. li l-imputat izomm kuntatt regolari mal-Psikjatra Dr. Mark Xuereb li ghandu jirrelata bil-miktub lill Qorti dwar l-istat mentali tieghu darba kull sitt xhur.**

**Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' sentejn [2].**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata llid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan u li tinghata kopja ta' din is-sentenza lill-istess imputat sabiex ikun jaf il-kundizzjonijiet tas-Supervision Order tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------